# In- *National Agreement on the Minimum Wage*

Riflessjonijiet minn

Caritas
MALTA

***Ċaqliq pożittiv, iżda dan in-nifs mhux biżżejjed***

**Preambolu:**

Caritas Malta bħala aġenzija tal-Knisja f'Malta temmen li ekonomija b'saħħitha, titlob aġenda soċjali b'saħħita u ambizzjuża li tiġġieled l-faqar u tippromwovi l-iżvilupp uman u l-ġustizzja soċjali.

Fil *Minimum Budget for a Decent Living (2012)* u aktar tard, eżattament sena ilu, fil-*Minimum Essential Budget for a Decent Living (2016)* Il-Caritas Malta kkonkludiet li l-paga minima statutorja ma hix diċenti. Sadanittant għamlet sejħa biex il-paga minima togħla bi 11 fil mija b'mod gradwali fuq medda ta' tlett snin.

F'kuntest li f'dawn is-snin rrenjaw il-forzi xettiċi u ostakolaw kull forma ta' kunsens, la wiesa u wisq anqas unanimu, f'kuntest fejn il-Caritas Malta u s-soċjetà ċivili kienet vuċi kważi waħedha, il-qbil bejn l-msieħba soċjali u l-Gvern li ġie ffirmat il-bieraħ huwa ċaqliq mix-xettiċiżmu għal aċċettazjoni huwa pożittiv u fid-direzzjoni t-tajba.

Iżda dan in-nifs seta ġie kkundizjonat wisq mir-relattivita tal-pagi u b'hekk ma ntlaħqitx il-mira tal-Caritas. F'termini reali iż-żieda mhux ser tindirizza biżżejjed l-inugwaljanzi fil-pagi. Dan ghaliex f'Malta il – paga minima statutorja netta waqgħet lura meta mqabbel mal-pagi medja.

Caritas Malta tħares lejn dan l-patt bejn l-msieħba soċjali bħala ċaqliq pożittiv, iżda dan in-nifs mhux biżżejjed.

**Sitt Punti Ġenerali ta'Osservazzjoni:**

1. Ninnutaw b'sodisfazzjon li ntlaħaq patt soċjali bejn l-msieħba soċjali fi ħdan il-Kunsill Malti għal Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku (MCESD), il-Partiti Politiċi u il-Gvern; dan juri kemm huwa importanti id-djalogu soċjali;

2. Dak li saħqet fuqu l-Caritas għal ħames snin sħaħ fl-aħħar sab l-appoġġ; inkluż mil-forzi xettiċi li permezz ta' dan il-kunsens jaqblu li l-paga minima nazzjonali ma tiggarantixxix biżżejjed għal ħajja diċenti*;*

3. Nifhmu li ried jinżamm bilanċ ta' interessi li jikkompetu; biss il ftehim seta kien kondizjonat wisq mil *wages relativity* u minħabba f'hekk l-effett taż-żieda mhux ser jinħass biżżejjed fl-immedjat;

4. Ninnutaw li l-msieħba soċjali stabilixxew mekkaniżmu li tiġi mogħtija żieda mandatorja wara l-ewwel u t-tieni sena fl-impjieg u mhux b'mod immedjat; fid-dawl tal fatt li dawn il-ħaddiema li fil-maġġoranza assoluta ma hux membri f'xi *union* tal-ħaddiema; fid-dawl tal-fatt li dawn il-ħaddiema jokkupaw impjiegi *low skilled,* hemm bżonn ta' ħafna viġilanza kontra abbużi sabiex il-ħaddiema ma jgawdux direttament miz-żieda maqbula. Madankollu l-Caritas tifhem li il-qbil bejn l-msieħba soċjali qed jirrikonoxxi dan ir-riskju;

5. Huwa pożittiv ħafna li ser jidħol mekkaniżmu li jirrevedi b'mod regolari kull erba snin il- Paga Minima Statutorja. Biss it-twaqqif ta' *Low Wage Commission*[1] għandu jkolla wkoll rikonixximent u rappreżentanza tas-soċjetà ċivili;

6. L-oġġettiv prinċipali ta' dan il-qbil hu ta' ġustizzja soċjali u mhux il-ġlieda kontra l-faqar. Iktar iva milli le il-persuna fil-faqar mhux qed tipparteċipa fid-dinja tax-xogħol. Bis-seħħ ta' dan l-*agreement* jrid jkun hemm ukoll aġġustament awtomatiku u immedjat tal benefiċċji soċjali sabiex jirriflettu dan iċ-ċaqliq.

**29 ta' April 2017**

[1] Low Wage Commission teżisti wkoll f-pajjiżi bħal Ġermanja *Germany Minimum Wage Commission* - l-Irlanda *Irish Low Pay Commission* - u fil-UK *Low Pay Commission*